# L-EWWEL MARĊ TAS-SURMAST VINCENZO CIAPPARA

## Miktub għall-Banda "Prince of Wales" tal-Birgu



PETER PAUL CIANTAR



Is-Surmast Vincenzo Ciappara

Is-sena l-oħra ġejt mistieden mill-Kumitat tal-Banda "Prince of Wales" tal-Birgu biex nitkellem dwar is-Surmast Vincenzo Ciappara li kien surmast direttur ta' din il-banda tal-Belt Vittorjożana bejn l-1938 u l-1975. Dakinhar tat-taħdita għedtilhom li s-Surmast Ciappara kkompona l-ewwel marċ tiegħu għall-Banda "Prince of Wales".

Din kienet aħbar li naturalment il-membri tas-Soċjetà Mużikali "Prince of Wales" ħadu pjaċir jisimgħuha.

Kienet aħbar li forsi dakinhar ħarġet għall-ewwel darba fil-pubbliku. Issa naturalment ridt nagħti prova ta' dan u hawn tidħol ir-responsabbiltà tiegħi li nipprova dak li kont għadni kif ħabbart.

Bħalma jafu ħafna, jiena l-karriera tiegħi hija marbuta bis-sħiħ max-Xandir tal-Istat. Domt preżentatur u produttur għal snin twal u darba kont qed infittex fil-librerija tat-tejps vasta tax-Xandir u ltqajt ma' intervisti li l-ħabib u kollega Victor Galdes kien għamel ma' diversi surmastrijiet Maltin, fosthom naturalment mas-Surmast Vincenzo Ciappara.

Waħda mill-mistoqsijiet li staqsa Victor Galdes lis-Surmast Ciappara kienet kif beda jikkomponi marċi għall-banda u Ciappara wieġbu hekk:

"Darba ġie fuqi d-delegat tal-Banda "Prince of Wales" tal-Birgu u talabni biex nikkomponi marċ għall-banda tiegħu biex jindaqq il-Belt ... u dan il-marċ," kompla jgħid Ciappara fir-rekording, "tant intgħoġob li wara ħaduh il-Banda King's Own tal-Belt. Minn hemm bdew ġejjin ħafna baned biex niktbilhom xi marċ, u tant ktibt," kompla jgħid Ciappara f'dan ir-rekording, "li jiena lanqas biss naf kemm!"

### REKORDING TAS-SURMAST CIAPPARA

Issa din hija l-prova ċara li għandi dwar dan ... rekording tas-Surmast Ciappara stess jgħid li għall-Banda "Prince of Wales" ikkompona l-ewwel marċ tiegħu u dan qabel huwa kien surmast direttur ta' din il-banda.

Jiena lil din is-soċjetà mużikali għaddejtilha rekording ta' dan ħalli jkun xhieda ta' din il-paġna glorjuża fil-qasam tal-marċ Malti, għax is-Surmast Ciappara għolla bis-sħiħ il-livell tal-marċ Malti.

Il-marċ Malti huwa uniku f'dan il-qasam ... għax huwa marċ festiv marbut mal-festi tradizzjonali Maltin. Ma jimposta ruħu xejn fil-qasam militari bħal marċi oħrajn ... iżda maħluq biss għall-baned tradizzjonali Maltin waqt il-festi tagħna. Fih hemm imsawra l-ħajja Maltija, b'dak l-entużjażmu kkulurit, marbuta mal-festi tagħna ddedikati għal dik jew dak il-qaddis.

Ma tistax toħlom b'festa Maltija mingħajr il-ħoss tal-marċ Malti. Il-barranin li jkunu fostna jingħaqdu bis-sħiħ u japprezzaw immens il-ħoss tal-banda Maltija mal-marċi tagħna li jnisslu fik ferħ u allegrija festiva.

Il-familja tas-Surmast Vincenzo Ciappara xejn ma kienet mużikali u Ciappara daħal fil-mużika b'kumbinazzjoni.

Missieru rebaħ vjolin u Vincenzo ġietu l-idea li flok joqgħod jilgħab bih, jibda jistudjah. Fil-fatt Ciappara rnexxielu u rnexxielu sewwa għax barra l-vjolin huwa kien idoqq sewwa wkoll il-vjola u l-kontrabaxx. Mhux hekk biss: Kien idoqq fit-Teatru Rjal fejn kiseb esperjenzi kbar u ġie impjegat ukoll bħala kopjista.

Li tkun kopjista fit-Teatru Rjal dak iż-żmien ma kienx ifisser biss li tikkopja l-partijiet, iżda aktar minn hekk ... jittrasporta u jirranġa mużikalment skont il-ħtieġa. Dan serva ta' esperjenza kbira għas-Surmast Ciappara u miegħu ġibed ukoll f'din il-ħidma mużikali lin-neputi tiegħu l-magħruf Surmast Carmelo Pace li ommu kienet oħt is-Surmast Ciappara.

### L-ISTITUT MUŻIKALI - PAWLINO VASSALLO

Is-Surmast Ciappara beda jistudja l-mużika waħdu, wara mar fl-Istitut Pawlinu Vassallo ... istitut mużikali li dan il-bravu kompożitur Malti kellu fil-Belt Valletta. Aktar tard tgħallem l-armonija u l-orkestrazzjoni ma' Carlo Diacono u mas-Surmast Taljan Aurelio Doncich.

Kien is-Surmast Diacono li ħajru biex jidderieġi l-orkestri, l-aktar fil-knejjes. F'dan il-qasam ukoll is-Sur-



Il-Każin tal-Banda "Prince of Wales"



Jiena u Emmanuel Busuttil Dougall meta flimkien żorna l-qabar ta' Vincenzo Ciappara

mast Anton Nani kien jibagħtu biex jidderieġi filkappelli li kien jieħu ħsieb Nani.

Is-Surmast Ciappara daħal fil-qasam tal-mużika bandistika tista' tgħid b'kumbinazzjoni u ngħidilkom ħbieb tiegħi li kien skoprieh is-Surmast Lorenzo Gonzi.

Dan bagħtu biex jidderieġi floku lill-Banda Maria Annunziata ta' Ħal Tarxien.

Issa fit-taħdita tiegħi fil-Każin tal-Banda "Prince of Wales" naturalment jiena semmejt lis-Surmast Lorenzo Gonzi li huwa ħu l-Arċisqof Mikiel Gonzi u parentela sewwa mal-eks-Prim Ministru ta' Malta Dr Laurence Gonzi.

Wara t-taħdita s-Sur Emmanuel Busuttil Dougall, li kien il-President ta' din issoċjetà mużikali, urieni ritratt sabiħ ħafna tal-Banda "Prince of Wales", u fuq quddiem hemm bilqiegħda, bl-istrument f'idejh, dan Lorenzo Gonzi li jiena dejjem ngħid li kien huwa li fetaħ it-toroq beraħ għas-Surmast Ciappara fil-qasam tal-mużika bandistika ta' pajjiżna.

Barra l-Banda "Maria Annunziata" ta' Ħal Tarxien, is-Surmast Ciappara kien jidderieġi wkoll baned oħra, fosthom il-Banda "Konti Ruġġieru" li magħha għamel 50 sena u l-Banda "Prince of Wales" li magħha għamel xi 38 sena.

## MARĊI SINFONIĊI TA' CIAPPARA

Issa li jiċċassani huwa li s-Surmast Ciappara kkompona dawk il-marċi festivi kollha u anke wkoll xi marċi funebri ... sbieħ immens u li ma jonqoshom xejn, perfetti fl-istrumentazzjoni meta dan lanqas kien jaf idoqq strument wieħed tal-banda.

Ħa ngħidilkom ħbieb ... jiena niftakar klarinettista kbir Malti ta' dixxendenza Taljana u li studja Milan li darba stqarr miegħi li s-swaba' ta' jdejh joqogħdu b'mod l-aktar naturali fuq l-istrument meta jesegwixxi mużika ta' Ciappara.

Jiena, li nifhem ukoll xi ftit fuq l-istrumenti tar-ram, ngħid ukoll l-istess. Meravilja ... Jiena wkoll nammira ħafna l-marċi sinfoniċi tiegħu ... sbieħ ħafna u meta dawn jiġu esegwiti sewwa jagħtu kulur lill-programmi mużikali li jesegwixxu l-baned tagħna.

Ciappara kkompona wkoll diversi innijiet imsejħa "innu-marċ" kważi għall-baned kollha Għawdxin u fl-aħħar ikkompona innu-marċ ukoll għall-King's Own u ieħor għall-Banda "Konti Ruġġieru" li għadhom jindaqqu salġurnata tal-lum.

Iżda mingħajr dubju ta' xejn, il-marċ ta' Ciappara l-aktar popolari huwa l-famuż "Victory" li nkiteb wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Ciappara kkompona wkoll mużika għall-Knisja fosthom antifoni, innijiet kbar bil-vuċijiet u kor. Hawn għandi f'moħħi tnejn ... dak tal-Banda "Imperial" tal-Mellieħa u ieħor għall-Banda ta' San Pawl il-Baħar.

Is-Surmast Ciappara kien strumentali wkoll fl-ewwel diski Maltin li kien ippubblika s-Sur Nin tad-Ditta "Anthony D'Amato" f'isem "His Master's Voice".

Għal dawn id-diski s-Surmast Ciappara għamel dak kollu li kien jeħtieġ ... arranġament mużikali tagħhom, ħa ħsieb il-provi ... insomma kollox u meta l-kantanti Maltin kienu marru Milan biex jirrikordjaw (Ciappara ma kienx magħhom), il-mużiċisti li kienu fost l-aqwa f'Milan faħħru bis-sħiħ l-arranġamenti mużikali tas-Surmast Ciappara.

## CIAPPARA MEXXA SEWWA 'L QUDDIEM IL-MARĊ MALTI

Jiena dwar Ciappara ma nieqaf qatt nitkellem jew nikteb ... iżda hawn ikolli nieqaf għax il-"Leħen" mhux qiegħda għalija biss. Iżda ngħidilkom ħaġa waħda ... apprezzaw bis-sħiħ il-ħidma bandistika tas-Surmast Ciappara għax f'dan il-qasam mexxa l-baned Maltin ferm 'il quddiem.

Baqa' jikkomponi sal-aħħar u l-aħħar marċ tiegħu qiegħed għand il-Banda "King's Own":

Għalija huwa marċ fenominali li donnu fih Ciappara ġabar l-esperjenzi mużikali tiegħu kollha f'dan il-qasam tal-marċ Malti.

Miet mingħajr ma lesta dan il-marċ u komplieh inneputi tiegħu stess is-Surmast Carmelo Pace.

Is-Surmast Vincenzo Ciappara miet fid-29 ta' Lulju, 1979 (fil-Festa ta' San Duminku l-Belt) fid-dar tattifel tiegħu l-Avukat Joseph Ciappara.

Kellu 89 sena. Il-funeral tiegħu l-ewwel beda fil-Knisja Santu Wistin il-Belt, wara kompla r-Rabat fejn ħadet sehem il-Banda Konti Ruggieru u fir-Rabat saret il-quddiesa tiegħu "praesente cadavere" fil-Knisja tal-Parroċċa; wara ttieħed bil-banda saċ-Ċimiterju Santa Margerita tar-Rabat u l-għada filgħodu s-Surmast Ciappara - ir-Re tal-Marċi Maltin - ittieħed fil-kwiet taċ-Ċimiterju "Maria Addolorata" fejn indifen fil-qabar tal-familja.

Dan il-qabar bin-numru West Q-H-13 jinsab fi stat ta' abbandun kbir u jeħtieġ manutenzjoni mill-aktar fis possibbli.

Is-Surmast Vincenzo Ciappara jixraqlu ħafna u ħafna aħjar.